

Brussell, 9 ta' April 2020
(OR. en)

7271/20

SOC 205
EMPL 162
ECOFIN 228
EDUC 121

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6809/20 + COR 1-3	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2020 (8 ta' April 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjeg għall-2020, adottati permezz ta' proċedura bil-miktub fit-8 ta' April 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2020

FILWAQT LI JINNOTA LI

1. L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli (ASGS) tistabbilixxi l-prijoritajiet ekonomiċi, tal-impjiegi u tal-politika soċjali fl-UE u fl-Istati Membri tagħha fl-2020, filwaqt li tenfasizza li t-tkabbir ekonomiku mhuwiex għan fih innifsu iżda għandu jaħdem għan-nies u għall-pjaneta. It-trasformazzjoni ambjentali, teknoloġika u demografika teħtieġ it-transizzjoni għal tkabbir ekoloġiku, bil-mobilizzazzjoni ta' teknoloġiji diġitali u sostenibbli innovattivi biex jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità u biex tiżdied il-produttività, għal transizzjoni ġusta u inklużiva. Filwaqt li nkunu qed nittrasformaw l-ekonomija soċjali tas-suq tagħna, jeħtieġ li niżguraw li l-Ewropa jibqa' jkollha l-aktar sistemi soċjali avvanzati fid-dinja.

2. Dawn il-prijoritajiet huma koerenti ma' dawk stabbiliti fl-Aġenda Strateġika tal-Kunsill u dawk stabbiliti mill-Kummissjoni. Sabiex tiġi promossa transizzjoni lejn ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima, ġusta, inklużiva u kompetittiva u sabiex tiġi segwita b'mod konġunt l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), jenħtieġ li tittieħed azzjoni politika bbilanċjata sew fuq erba' dimensjonijiet: l-ambjent, il-produttività, l-ekwità, u l-istabbiltà makroekonomika. It-transizzjoni ekoloġika għandha l-potenzjal li toħloq impjiegi ġodda u tippromwovi benesseri aħjar, iżda ser ikun meħtieġ investiment pubbliku u privat sinifikanti biex jiġu indirizzati l-kompromessi u l-impatti negattivi potenzjali fuq perijodu qasir ta' żmien u biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla barra.

3. L-ekonomija Ewropea qed tkompli tespandi u r-rata tal-impjiegi laħqet livell rekord, iżda jenħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiġu indirizzati d-disparitajiet u l-inugwaljanzi soċjali li fadal. Minkejja t-tnaqqis previst fir-ritmu ekonomiku, l-UE x'aktarx ser tersaq lejn rata ta' impjieg ta' 75 % fl-2020. Ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali kien qed jonqos b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin iżda l-progress miksub x'aktarx jibqa' ferm inqas minn tnaqqis ta' 20 miljun sal-2020. L-inugwaljanza fl-introjt u wkoll għadha għolja u żdiedet matul l-aħħar għaxar snin.
4. L-Ewropa qed tagħmel progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-konverġenza fost l-Istati Membri qiegħda ssir fuq 9 mill-14-il indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li takkumpanja l-Pilastru. Aktar investment fil-ħiliet, f'sistemi ta' protezzjoni soċjali aċċessibbli, adegwati u sostenibbli, u fil-ġlieda kontra l-faqar jew l-esklużjoni soċjali huwa kruċjali biex jiġu promossi l-ġustizzja u ż-żieda fil-konverġenza. Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jenħtieġ li jkunu integrati sew mal-politiki soċjali u jenħtieġ li jippromwovu l-inklużjoni attiva fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà.
5. L-Istrateġija Ewropa 2020 serviet bħala qafas strateġiku fit-tul biex tiggwida t-tfassil tal-politika fis-Semestru Ewropew u fil-Linji Gwida dwar l-Impjiegi. L-istrateġija qed tasal fi tmiemha, u li nibnu fuq il-kisbiet tagħha u l-integrazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fis-Semestru, kif ukoll tal-oġġettivi tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU b'mod rilevanti huwa importanti. Is-Semestru Ewropew m'għandux jitgħabba b'piż żejjed.

FILWAQT LI JENFASIZZA LI

6. Sabiex il-politiki ambizzjużi dwar it-tibdil fil-klima u dawk ambjentali jirnexxu, jenħtieġ li ħadd ma jitħalla barra. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi żgurat appoġġ adegwat għall-persuni u r-reġjuni li jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv mit-transizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Bl-istess mod, l-investment f'teknoloġiji u ħiliet diġitali u sostenibbli innovattivi ser ikun kruċjali biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet emerġenti.

7. Għalkemm it-tkabbir ekonomiku kontinwu rriżulta f'sitwazzjoni aħjar fis-suq tax-xogħol, it-tkabbir fil-pagi għadu moderat. Il-faqar fost min għandu xogħol għadu għoli fl-UE, minkejja l-fatt li fl-2019, il-livelli tal-paga minima żdiedu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fejn teżisti paga minima statutorja. L-indirizzar tal-faqar fost min għandu xogħol jeħtieġ approċċ multidimensjonali li jinkludi firxa wiesgħa ta' politiki. Ix-xogħol part-time involontarju għadu għoli f'diversi Stati Membri, u l-firxa ta' forom atipiċi ta' xogħol tikkontribwixxi għas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjieg mfassla sew jenħtieġ li tipproteġi lill-ħaddiema filwaqt li ma xxeckilx it-transizzjonijiet professjonali u lanqas ma toħloq inċentivi għal impjieg indipendenti fittizju. L-involvement tas-sħab soċjali huwa kruċjali f'dak ir-rigward.
8. Fil-kuntest tal-bidliet demografiċi u teknoloġiċi, il-limiti tar-riżorsi ambjentali, u l-inċertezzi ġeopolitiċi, il-prosperità futura ser tiddependi ħafna fuq iż-żieda fil-produttività u fl-innovazzjoni, li għandha l-potenzjal li tikkumpensa għal inqas nies fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. Dan ma jistax jinkiseb mingħajr investiment estensiv fl-educazzjoni, fit-taħriġ u fil-ħiliet, li jinfluwenzaw b'mod sostanzjali l-prospetti ta' impjieg tan-nies. Madankollu, il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti, b'mod partikolari ta' dawk b'livell baxx ta' ħiliet, żdiedet biss b'mod marġinali f'dawn l-aħħar għaxar snin, fejn f'it Stati Membri biss irnexxielhom jiksbu titjib sinifikanti. Barra minn hekk, it-titjib tal-aċċessibbiltà tas-sistemi tal-educazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola għadhom kruċjali biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-persuni kollha fis-soċjetà.

9. Il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għadha sfida. Aċċess usa' għal servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal u servizzi ta' kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità, kif ukoll politiki adegwati dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol l-ħajja privata jistgħu jappoġġaw b'mod partikolari lin-nisa biex jidħlu jew jibqgħu fl-impjieg, b'eżiti pożittivi, inkluż biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal. Fi ftit Stat Membri biss hemm fis-seħħ miżuri konkreti biex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, permezz tat-tisħiħ tat-trasparenza fil-pagi. Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u l-24 sena qed tkompli titjieb, iżda parti konsiderevoli minnhom għadhom qiegħda jew ekonomikament inattivi f'xi Stati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tissaħħaħ l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi li mhumiex rappreżentati biżżejjed, inklużi persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, ir-Rom, u persuni b'diżabbiltà. Il-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjieg li jipprovdu politiki attivi tas-suq tax-xogħol mmirati għal gruppi differenti ta' persuni li qed ifittxu impjieg tjiebet, iżda għad fadal sfidi, speċjalment biex jintlaḥqu dawk li huma l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol u biex jiġu żgurati integrazzjoni u kollaborazzjoni aħjar mas-servizzi soċjali u dawk tal-kura tas-saħħa.
10. L-iżviluppi ekonomiċi favorevoli fil-klima u fis-suq tax-xogħol sarrfu f'titjib ġenerali sostanzjali fis-sitwazzjoni soċjali, kif rifless fiż-żidiet ġenerali fl-introjtu disponibbli tal-familji u fit-tnaqqis tal-privazzjoni materjali estrema u sa ċertu punt, fil-proporzjon ta' persuni li jgħixu f'familji (kważi) mingħajr impjieg. Madankollu, kemm ir-rata ġenerali ta' riskju ta' faqar kif ukoll il-faqar fost min għandu xogħol fil-biċċa l-kbira baqgħu stabbli u f'xi pajjiżi l-introjtu disponibbli tal-familji ma marx lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi. Barra minn hekk, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas fl-2018, u r-riskju u l-gravità tal-faqar għall-persuni li jgħixu f'familji (kważi) mingħajr impjieg komplew jiżdiedu.
11. Xi gruppi vulnerabbli, bħat-tfal, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li ġejjin minn sfond ta' migrazzjoni u l-persuni ta' oriġini Rom għandhom it-tendenza li jiffaċċjaw riskju oġġla b'mod sinifikanti ta' faqar jew esklużjoni soċjali. Il-problema tal-persuni mingħajr dar, li hija manifestazzjoni estrema tal-faqar, żdiedet matul l-aħħar għaxar snin u l-kundizzjonijiet ħżiena ta' abitazzjoni jikkonċernaw sehem sinifikanti ta' unitajiet domestiċi f'xi Stati Membri.

12. Is-sehem tal-popolazzjoni li qiegħda fl-età tax-xogħol diġà qed jonqos bħala medja fl-Istati Membri tal-UE u huwa mistenni li jkompli jonqos, filwaqt li l-proporzjon ta' dipendenza tal-età avvanzata huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti, li jqiegħed pressjoni fuq is-sistemi tal-protezzjoni soċjali (inklużi l-pensjonijiet u s-servizzi ta' kura fit-tul). F'dan il-kuntest, huwa kruċjali li jittieħdu miżuri xierqa (pereżempju l-promozzjoni ta' ħajja tax-xogħol itwal), li ser jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistemi tal-pensjonijiet kif ukoll jindirizzaw il-kwistjoni ta' forza tax-xogħol li qed tiċkien.
13. L-aċċess adegwat għal kulħadd għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità, il-kura fit-tul, il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, ipprovduti minn sistemi tas-saħħa sostenibbli, huma elementi essenzjali tal-benesseri u jikkontribwixxu għall-ekonomija u s-soċjetà. Il-bidla demografika tagħmel l-investment fil-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul u s-saħħa u s-sigurtà aħjar fuq il-post tax-xogħol dejjem aktar importanti. Sabiex tiġi indirizzata din l-isfida u sfidi oħrajn, filwaqt li jiġu rrispettati b'mod sħiħ il-kompetenzi nazzjonali f'dan il-qasam, jeħtieġ li titkompla l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul.
14. F'konformità mal-emerġenza ta' forum ġodda ta' xogħol, is-sistemi tal-protezzjoni soċjali qed jiġu modernizzati, fejn għadd ta' Stati Membri qed jestendu l-kopertura tagħhom u jtejbu l-adegwatezza tagħhom. F'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali jenħtieġ li jiġi żgurat lil kulħadd, irrispettivament mill-istatus tax-xogħol tagħhom.
15. Żdiedu l-isfidi għall-koeżjoni soċjali madwar u fi ħdan l-Istati Membri. F'dawn l-aħħar għaxar snin, l-inugwaljanzi fl-introjt u fl-aċċess għal servizzi bażiċi u fl-opportunitajiet żdiedu fi ħdan l-Istati Membri. Id-diskrepanza bejn ir-regġuni foqra u daww għonja fl-Ewropa qed tikber. Filwaqt li jiġu opportunitajiet ġodda, il-bidla teknoloġika u t-transizzjoni ekoloġika jistgħu jkomplu jkabbru dawn id-diskrepanzi u dawn jeħtieġu investment xieraq, kif ukoll sforzi kontinwi lejn iż-żieda fil-konverġenza fost u fi ħdan l-Istati Membri.

16. Djalogu soċjali li jaħdem sew għadu element essenzjali tal-ekonomija tas-suq soċjali Ewropew, għalkemm il-livell ta' impenn ivarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri. L-involvement tas-sħab soċjali fit-tnejja tar-riformi jista' jtejjeb it-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom u eventwalment iwassal għal eżiti soċjoekonomiċi aħjar. Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni biex jiġi żgurat li s-sħab soċjali jkollhom biżżejjed kapacià biex jipparteċipaw fid-dibattitu ta' orjentazzjoni. L-involvement ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili wkoll għandu rwol importanti biex jiġi żgurat li r-riformi jitfasslu u jiġu implimentati b'mod effettiv.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI

- Biex fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli u biex jqisu s-sejbiet tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi.
- Biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jikkontribwixxu għall-elaborazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE biex il-Pilastru jiġi implimentat.
- Biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2019 u, fejn rilevanti, ir-rakkomandazzjonijiet tal-2019 għaż-żona tal-euro.
- Biex jużaw it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali bħala gwida għall-isforzi ta' konverġenza tagħhom.
- Biex jirrikonoxxu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom, rilevanti fil-qafas tas-Semestru Ewropew.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI

- Biex tiżviluppa, bħala kwistjoni ta' prijorità, strateġija għal wara l-2020 li tinkludi miri ċari u ambizzjużi fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali, ibbażat fuq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fuq ir-riżultati tal-istrateġija Ewropa 2020, b'kont meħud tal-valutazzjoni konġunta tal-2019 tal-EMCO u l-SPC, u biex tinvolvi lill-EMCO u lill-SPC fl-iżvilupp tiegħu.
- Biex tiżgura li l-kwistjonijiet tal-impjiegi u dawk soċjali jiġu kkunsidrati b'mod xieraq fil-valutazzjoni tal-politiki tal-UE u tal-Istati Membri, speċjalment fil-kuntest tat-transizzjoni ekoloġika u dik diġitali.
- Biex tinvolvi ruħha mal-EMCO u mal-SPC fl-attivitajiet li ġejjin tagħha mmirati lejn il-bini ta' Ewropa soċjali aktar b'saħħitha u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
- Biex tappoġġa lill-EMCO u lill-SPC fl-isforzi tagħhom biex jissimplifikaw l-għodod ta' monitoraġġ użati fil-kuntest tas-Semestru, filwaqt li jitqiesu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli rilevanti.
- Biex tippubblika r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għal diskussjonijiet fil-livell nazzjonali u dak tal-UE fi ħdan il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu.

JAPPELLA LILL-EMCO U LILL-SPC

- Biex jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni fuq l-inizjattivi li ġejjin tagħha li jappoġġaw, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u fuq l-iżvilupp ta' strateġija għal wara l-2020 sabiex jiġi żgurat li jitqiesu kif xieraq l-impatti fuq l-impjiegi u l-impatti soċjali."
- Biex ikomplu bil-ħidma tagħhom fuq is-sorveljanza multilaterali u tematika u l-valutazzjoni komparattiva, u l-monitoraġġ tagħhom tas-sitwazzjonijiet tal-impjiegi u dawk soċjali fl-Istati Membri u biex jagħtu lill-Kunsill bażi ta' evidenza għad-diskussjonijiet fil-proċess tas-Semestru Ewropew.

- Biex jissimplifikaw l-għodod ta' monitoraġġ tagħhom, li jintużaw biex jiġu ggwidati l-isforzi tal-Istati Membri lejn iż-żieda fil-konverġenza, filwaqt li titqies l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli.
- Biex jaħdmu mill-qrib ma' Kumitati konsultattivi u partijiet oħrajn, b'mod partikolari l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat tal-Edukazzjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika f'Livell Għoli u n-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, biex b'hekk tiġi żgurata kunsiderazzjoni bbilanċjata tal-kwistjonijiet ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali fis-Semestru Ewropew.
- Biex ikomplu jaħdmu mill-qrib mas-sħab soċjali u mas-soċjetà ċivili għall-promozzjoni ta' dialogu soċjali u ċivili effettiv kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.
